# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell numru: 478/2012**

**MARIO MALLIA K.I.110866(M)**

**vs**

**KUNSILL LOKALI PEMBROKE**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fil-25 ta' Jannar, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

"*It-Tribunal*

*Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attur talab minghand il-Kunsill konvenut, il-hlas tas-somma ta' tlett'elef erba' mija u disghin Ewro (€3,490), liema somma tirrapprezenta danni konsistenti fi spejjez direttament relatati mal-appell li kellu jsir biex titwaqqaf tender, ammontanti ghal €567, kif ukoll telf ta' qliegh fuq it-tender 03/2009, ammontanti ghal €2923, ai termini*

*tal-artikolu 1153 tal-Kap. 16, meta l-konvenuti kellhom jaghtu tender lill-attur u naqsu li jaghmlu dan, kif jirrizulta wkoll mill-annessa decizjoni tal-Bord tal-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali dwar Offerti.*

*Iktar 'il-quddiem il-Bord tal-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali dwar Offerti, qed jigi msejjah "il-Bord tal-Appelli".*

*Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:*

*1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari n-nullita tac-citazzjoni stante li r-rapprezentanza legali ta' Kunsill hi vestita fis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku rispettivament.*

*2. Fit-tieni lok, il-Bord tal-Appelli ma ta l-ebda decizjoni fis-sens li l-attur kellu jinghata l-aggudikazzjoni tat-tender in kwistjoni.*

*3. Fit-tielet lok, kunsill lokali jista' jirrifjuta l-ahjar offerta u dik l-offerta l-iktar vantaggjuza u kwindi seta' jirrifjuta l-offerta ta' l-attur li min-naha tieghu irid jipprova li r-rekwiziti tat-tender intlahqu u senjatament li l-garanzija bankarja ghadha valida.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur.*

*PROVI MIGJUBA*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti.*

*Sema x-xhieda tal-**attur Mario Mallia** fejn inter alia huwa spjega li kien ikkompeta ghal tender 03/09 mahrug mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke liema tender kien rigwardanti l-upgrade ta' gnien Madre Tereza ta' Kalkutta. Il-bord tal-ghazla fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Pembroke fit-8 ta' Lulju 2009 kien irrakkomanda li l-Kunsill Lokali jaghzel l-offerta tal-kumpanija Opal. L-attur*

*hassu aggravat mid-decizjoni tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke u fil-fatt fl-20 ta' Lulju kien ipprezenta appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli.*

*L-attur ipprezenta sett ta' dokumenti inkluz ricevuta ta' hamsin ewro (€50) illi permezz taghhom huwa xtara id-dokumenti tat-tender, il-bank statement li jindika s-somma ta' hamsa u tletin ewro (€35) li kienu uzati biex saret il-garanzija mitluba mill-Kunsill Lokali, ricevuta ghas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) liema somma hallas biex seta jaghmel l-oggezzjoni ghad-decizjoni tat-tender, u ricevuti ghall-ispejjez legali li hallas lill-Avukat difensur tieghu ghas- servizzi legali provduti minnu f'dan il-kaz.*

*Huwa spjega wkoll li l-valur tat-tender kien ta' tlettax-il elf, mija u sebgha u tmenin Ewro (€13,187), mentri huwa wasal ghac-cifra ta' elfejn, disgha mija u tlieta u ghoxrin Ewro (€2,932) bhala qliegh li huwa seta' jaghmel minn dan it-tender billi kkalkula ir-rata ta' tletin fil-mija fuq il-valur tat-tender, izda mbaghad naqqas dan l-ammont sabiex ikun jista' jipprocedi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.*

*Spjega wkoll li huwa gie offrut mill-Kunsill Lokali, wara l-aggudikazzjoni tat-tender, is-somma ta' mitejn ewro (€200) liema somma huwa irrifjutaha u rritornaha lura lill-Kunsill Lokali.*

*Sema x-xhieda ta'* **Kevin Borg, is-segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Pembroke** *fejn ikkonferma illi id-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli mertu ta' din il-kawza kienet wahda fejn gie ddikjarat null it-Tender numru 3/09 mahrug mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke izda l-Bord astjena milli jiehu konjizzjoni tat-talba li jassenja it-Tender lill-appellant. Huwa xehed li l-Kunsill ikkonforma ruhu mad-decizjoni tal-appell u qaghad ghal din id-decizjoni. Is-*

*sejha għall-offerti in kwistjoni baqgħet sospiża minħabba l-kawża odjerna. Spjega li l-Kunsill ma jistax jibqa fuq l-offerti li hemm fil-preżent peress li l-ebda performance bond ma għadha valida, fil-fatt il-performance bond tal-attur skadiet fl-10/09/2009 u ma ġietx imġedda.*

*Spjega li l-Kunsill kien obbligat li jibgħat lura l-garanziji kollha lill-kumpaniji li offrew u dana peress li l-Kunsill kien laħaq deċiżjoni. Qal illi fi kwalunkwe każ meta jkun hemm lok illi jintbagħtu lura il-granziji bankariji, il-Kunsill jibgħat lura l-istess garanziji bankarji mingħajr ma jagħti xi kumpens għall-ispejjeż li saru għall-istess garanziji bankarji u din tapplika kemm għal tenders li jkunu ġew aggudikati u eventwalment isir il-kuntratt u kemm għal dawk it-tenders li jkunu ġew annullati għal xi raġuni jew oħra bħal fil-każ odjern.*

*Inoltre spjega li l-liġi tobbliga lill-Kunsill Lokali illi f'każ li jkun hemm appell li jintrebaħ mit-tenderer, il-Kunsill huwa obbligat li jibgħat lura il-flus li jingħataw bħala depożitu meta jsir l-appell li f'dan il-każ kienu jammontaw għal madwar mitejn u tletin ewro u li l-Kunsill bagħathom lura lis-Sur Mario Mallia. Huwa kkonferma illi s-somma ta' €232.94 kienet effettivament is-somma li ħallas l-attur biex setgħa jagħmel l-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar dan it-tender. Is-somma li huwa ħallas biex kiseb id-dokumenti tat-tender kienet ta' €50.*

*In kontro-eżami, ix-xhud qabel li dan il-Bord kien iddeċieda li l-offerta tas-sur Mario Mallia kienet l-irħas offerta. Qal illi l-ħlas li ġie mibgħut mill-Kunsill lis-Sur Mallia ma kienx bilfors marbut mal-ittra legali li bagħatilhom (fol. 30) iżda ċ-cheque inħareġ bħala reazzjoni għad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell u dan peress illi huwa obbligu tal-Kunsill li jagħmel dan il-pass.*

*Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.*

*Ikkunsidra.*

*KONSIDERAZZJONIJIET*

*It-Tribunal qara bir-reqqa id-decizjoni moghtija mill-Bord ta' L-Appelli, fejn dana il-Bord iddikjara nulla d-decizjoni mehuda mill-Kunsill konvenut rigward it-tender 03/2009, mertu wkoll tal-kawza odjerna. Il-Bord spjega illi huwa m'ghandux is-setgha li jassenja t-tender lil Mario Mallia u ghalhekk astjena minn din it-talba.*

*It-tender gie annullat fl-ewwel lok stante li l-Kunsill Lokali talab il-produzzjoni ta' dokument Declaration of Non-Involvement minn kull offerent, u aggudika t-tender favur kumpanija li ma kinitx ipprovdiet it-tali document, u ghalhekk l-offerta ta' din il-kumpanija ma kellhiex tigi processata.*

*L-istess Bord ikkonferma illi l-offerta tas-sur Mallia kienet l-iktar wahda vantaggjuza u dana mhux biss ghax kienet offerta irhas izda wkoll ghaliex is-Sur Mallia inkluda servizzi ohrajn li ma kienux inkluzi fl-offerta li giet aggudikata t-tender. Il-Bord spjega wkoll "li sabiex kunsill jiskarta l-orhos offerta irid jissodisfa kriterju ta' kontabilita` pubblika, u dan galadarba jamministra flus pubblici u ghalhekk serji u gravi jridu jkunu c-cirkostanzi oggettivi li jwarrbu l-orhos prezz a favur konsiderazzjonijiet ohrajn."*

*Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur m'ghandux ibati l-ispejjez tat-tender li gie annullat minhabba tortijiet dovuti biss lill-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant huwa tal-fehma li l-attur ghandu jigi rimborsat mhux biss il-hlas li ghamel sabiex jappella mid-decizjoni tal-Kunsill konvenut, izda jigi rimborsat ukoll l-ispejjez kollha relatati mat-tender u cioe il-prezz ghax-xiri tad-dokument tat-tender €50, l-ispejjez biex ghamel il-garanzija bankarja €35, l-ammont li hallas biex il-kaz tieghu instema mill-Bord tal-Appell €232.94 u l-ispejjez legali li ammontaw ghal €250.*

*Rigward l-ispejjez legali, hija fehma ta' dan it-*Tribunal*, illi s-somma ta' €250 li hallas l-attur lid-difensur tieghu, hija wahda gusta u mhux eccessiva tenut kont il-valur tat-tender in kwistjoni. Kien gust ukoll l-attur li fittex ghajnuna ta' avukat meta l-appell tieghu wasal fi stadju ta' Bord, stante li l-*Bord *huwa kostitwit skont il-ligi, u jimxi bi procedura stabbilita, li persuna li ma tkunx familjari mal-Qorti u Bordijiet simili, ma jkunx facli ghaliha Ii tifhem u tirregola ruhha maghha. Dana qed jinghad tenut kont tal-argument li sar mill-Kunsill konvenut fil-finali trattazzjoni. Wara kollox, anke quddiem dan it-*Tribunal* l-assistenza legali mhijex obbligatorja, izda l-istess kunsill ghogbu li jkun debitament assistit. Hija l-fehma ta' dan it-*Tribunal* li dawn id-danni attwali sofferti mill-attur, li jammontaw ghal €567.94, gew sodisfacentement ippruvati.*

*Jigi rilevat ukoll illi l-Kunsill konvenut kien dispost li jirrimborsa lill-attur il-hlas li ghamel sabiex oggezzjona mid-decizjoni tal-Kunsill quddiem il-Bord tal-Appell ghaliex fil-fehma tieghu hekk huwa rikjest li jaghmel skont il-ligi. Effettivament il-Kunsill konvenut baghat lill-attur is-somma ta' €200, meta l-ammont kellu jkun ta' €232.84. Minkejja li d-differenza tista' tigi konsiderata zghira, huwa zball li jirrifletti element ta' traskuragni u nuqqas ta' serjeta` min-naha tal-Kunsill Lokali f'materja li tehtieg serjeta` u trasparenza.*

*Rigward it-telf ta' profitt pretiz mill-*attur*, qed jigi sottomess mill-attur illi hawnhekk si tratta ta' pre-*contractual* liability, u li l-Kunsill agixxa b'nuqqas ta' buona fede. Min-naha l-ohra l-kunsill konvenut jirribatti li l-Kunsill ma hareg ebda letter of acceptance fil-konfront tal-attur u ghalhekk ma jistax jirrizulta telf ta' profitt.*

*It-Tribunal mhuwiex tal-*fehma *illi f'dan il-*kaz *si tratta minn pre-contractual liability u dana stante illi kif gie sewwa ritenut mill-Kunsill konvenut f'dan il-kaz ma kienx hemm xi letter of acceptance mill-Kunsill favur l-attur, lanqas ma*

*kien hemm xi ordni ezekuttiva biex il-Kunsill jaccetta u jimplimenta l-offerta tal-attur.*

*Izda l-attur meta fit-talba tieghu ressaq talba ghat-telf ta' profitt ma ntrabatx biss mal-pre-contractual liability izda zammha miftuha u b'hekk ma rabatx idejn it-Tribunal biex jiddeciedi biss ai termini ta' pre-contractual liability. (Jigi ritenut ukoll illi l-artikolu citat 1153 tal-Kap.16 huwa ghal kollox irrilevanti u jitratta dwar il-pussess.)*

*Hija fehma ta' dan it-Tribunal illi fil-kaz odjern, il-Kunsill konvenut ghandu responsabilita` ex delictu u dan stante li bin-negligenza tieghu, kif diga gie spegat, il-process tat-tender gie annullat.*

*F'dan l-istadju, fejn il-process tat-tender huwa sospiz u ix-xogholijiet ta' upgrading, fil-gnien Madre Tereza ta' Kalkutta, ghadhom ma sarux, ghad hemm il-possibilita` ghall-attur li jaghmel il-profitt. Il-pozizzjoni ma tkunx l-istess kieku x-xogholijiet lahqu saru, ghax allura l-attur jkun tilef kull possibilita` li jaghmel profitt. Izda l-attur irnexxielu fil-mument opportun, u cioe qabel ma saru xogholijiet minn xi kuntrattur iehor, jwaqqaf milli jsiru dawn ix-xogholijiet u b'hekk huwa naqqas il-possibilita` li l-profitt tieghu jintilef.*

*It-Tribunal jikkunsidra wkoll illi fic-cirkostanzi issa l-attur kixef idejh u ghalhekk il-kompetituri kollha ghat-tender jafu liema hi l-iktar offerta vantaggjuza, u dan jista' wkoll jwassal ghal telf ta' profitt min-naha tal-attur.*

*Hija verita` wkoll li, minkejja dak li xehed is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u cioe li l-Kunsill ser jerga' johrog it-tender mill-gdid, il-kunsill konvenut ghandu kull diskrezzjoni li ma jergax johrog dan it-tender, anke ghaliex jaghzel li ma jwettaqx ix-xoghol ta' upgrading fil-gnien Madre Tereza ta' Kalkutta izda jalloka l-fondi ghal xi progett iehor.*

*Hija wkoll fehma tat-Tribunal li l-attur ma jistax jippretendi pagament shih daqs li kieku wettaq ix-xogholijiet, meta x-xogholijiet ma wettaqhomx.*

*Is-sitwazzjoni hi tali li jistghu isehhu wahda minn zewg possibilitajiet:*

- *jew it-tender jerga' johrog u l-attur jekk jirbah it-tender jaghmel inqas profitt, jew ossia jista' jerga' ma jinghatax it-tender*
- *jew is-sitwazzjoni l-ohra li t-tender ma jergax jinhareg mill-Kunsill Lokali.*

*Dawn is-sitwazzjonijiet huma lkoll tali li l-attur, dejjem tenut kont li huwa kellu l-iktar offerta vantaggjuza kif gie stabbilit mill-Bord ta' l-Appelli, ser isofri telf ta' qliegh minhabba l-agir tal-Kunsill konvenut li wassal ghan-nullita tat-tender.*

*In vista ta' dak kollu suespost rigward it-telf ta' qliegh tal-attur, it-Tribunal arbitrio bono viri u b'sens ta' ekwita, qieghed jistabilixxi t-telf ta' qliegh soffert mill-attur fis-somma ta' elf Ewro (€1000).*

*DECIDE*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa` t-talba attici fis-sens illi jiddikjara illi l-attur huwa kreditu tal-Kunsill konvenut fis-somma ta' hames mija u sebgha u sittin Ewro (€567) in linea ta' danni attwali sofferti mill-attur, u fis-somma ta' elf Ewro (€1000) in linea ta' telf ta' qliegh soffert mill-attur, u konsegwentement jordna lill-Kunsill Lokali Pembroke, ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' elf, hames mija u sebgha u sittin Ewro (€1,567), bl-imghax dekorribbli mis-17 ta' Mejju 2012, li hija d-data meta l-partijiet gew notifikati bid-decizjoni tal-Bord, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez ikunu a kariku tal-Kunsill konvenut."*

Illi minn din is-sentenza il-Kunsill appellanti qed jinterponi dan l-appell bis-segwenti aggravji:

1. Illi l-Kunsill appellanti jinsisti illi t-talba tal-attur appellat hija preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Illi l-Kunsill appellanti jilmenta dwar il fatt illi t-Tribunal akkorda *arbitrio boni viri* somma ta' kumpens li skond it-talba kellha tkun il-ħlas għall-qliegħ li tilef l-appellat. Tali deċiżjoni tohloq precedent ghal dawk kollha li ma ikunux rebhu xi *tender*. Ukoll t-talba kif impostata hija nulla stante illi l-artikolu ikkwotat mill-appellat, li abbazi tieghu tressqet l-azzjoni, huwa ħażin.

3. Illi t-Tribunal injora l-eċċezzjoni preliminari imressqa mill-Kunsill appellanti dwar in-nullita tat-talba attrici billi intavolata kontra entita' li m'ghandhiex personalita ġuridika u dan ghaliex ir-rapprezentanza guridika tal-Kunsill Lokali hija vestita fis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4. Illi fil-mertu, l-Kunsill jinsisti illi kellu d-diskrezzjoni jagħżel mill-offerti huwa, u ma kienx marbut li jagħżel dik l-offerta li ġiet iddikjarata mill-Bord tal-Appelli bħala l-aktar waħda vantaġġjuża.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:

Illi saret sejha ghall-offerti mill-Kunsill appellanti bin-numru 03/2009 li kien jirrigwarda xogħolijiet ta' upgrading fil-ġnien Madre Tereża ta' Kalkutta, gewwa Pembroke. Intefgħu ħames offerti għal dan il-proġett. L-attur appellat kien għamel l-offerta tiegħu, pero huwa ma rebaħx it-*tender,* minkejja illi l-offerta tiegħu ġiet iddikjarata bħala l-aktar waħda vantaġġjuża mill-Bord tal-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali Dwar Offerti. Inoltre, jirriżulta

mill-provi illi it-*tender* intrebaħ minn kumpanija illi ma ipprovdietx dokument rikjest *a priori* mill-Kunsill Lokali appellanti.

Illi l-attur appellat talab illi l-Kunsill appellanti jigi ikkundannat ihallas s-somma ta' tlett elef, erba' mija u disgħin Ewro rappreżentanti danni konsistenti fi spejjeż direttament relatati mal-appell li kellu jsir biex titwaqqaf *tender*, ammontanti għal €567, kif ukoll telf ta' qliegħ fuq it-tender 03/2009 ammontanti għal €2923

Illi f'dan l-istadju ta' appell il-Kunsill appellanti jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni bid-dekors ta ta' sentejn fit-termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16, illi jistipula dan li ġej

> *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Jiġi osservat illi fit-**<u>8 ta' Lulju 2009</u>**, il-Bord tal-għażla fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Pembroke irrakkomanda li l-Kunsill Lokali jagħżel l-offerta tal-kumpanija Opal, u mhux tal-appellat Mario Mallia. Fl-**<u>20 ta' Lulju 2009</u>**, l-appellat ressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli. Fis-**<u>17 ta' Mejju 2012</u>**, l-partijiet ġew notifikati bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli (fol 2). Sussegwentament, fl-**<u>10 ta' Lulju 2012</u>** inbdew ukoll proċeduri għad-danni quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

Fir-rigward tal-preskrizzjoni imqajjma mill-appellant f'dan l-istadju tal-appell, tibda sabiex issir is-segwenti osservazzjoni:

*"Hi ligi li l-preskrizzjoni tista' tinghata f' kull waqt tal-kawza "mqar fl-appell" (Artikolu 2112, Kodici Civili) u ghalhekk ma hemm xejn x' izomm lil din il-*

*Qorti milli tikkonsidraha u, anke jekk hekk jokkorri, takkoljiha, salv il-kwestjoni tal-kap ta' l-ispejjez.*[1] "

Dan ifisser illi l-pregudizzjali sollevata mill-appellat illi tali eccezzjoni ma tistax tigi sollevata fi stadju ta' appell hija insostenibbli u ghalhekk din il-Qorti necessarjament trid tinvesti din il-kwistjoni qabel ma tinoltra ruhha fl-impunjattiva koncernati l-mertu.

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-preskrizzjoni, jibda biex jingħad li f'kull kaz li titqajjem il-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li fl-ewwel xogħol għandu jiġi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għandha tibda titqies.

Illi l-preskrizzjoni applikabbli ghal dana il-kaz huwa dak naxxenti minn *culpa aquiliana* ai termini ta'l-artikolu 2153 tal-Kap.16. Illi t-twelid ta'l-azzjoni akwiljana kellu ikun dak il-mument li fih allura id-danni avveraw rwiehom. Illi hawnhekk tiskatta ir-regola inferita fl-artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' illi t-terminu prekrittiv jibda jiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta'l-istat jew il-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

**"Illi minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u l-kjamata fil-kawza hija wahda estintiva tal-azzjoni attrici (almenu f'dik il-parti li tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni), jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li "actioni non natae non praescribitur". (P.A. (JRM) "Raymond Grech et vs Stefan Borg" - 14 ta' Gunju 2001)[2].**"

**"Illi, kif inghad iżjed 'il fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien**

---

[1] Martinelli Luciano Noe Vs Pisani Saviour, App.Inf., 22/06/2005

[2] Paola Galea et vs John Cauchi et.

**preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu. ... Illi bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni (specjalment dik tax-xorta li toqtol il-process) hija istitut li, min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn ilghan illi ghandu isir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.[3]"**

Illi il-Kunsill appellanti isostni illi l-preskrizzjoni f'dan il-kaz kellha tibda tiddekorri mill-mument illi l-appellat ħassu aggravat bid-decizjoni tal-Kunsill u mhux iktar tard wara id-decizjoni tal-Bord ta'l-Appelli. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din l-affermazzjoni u dan ghaliex id-decizjoni tal-Kunsill ma kenitx wahda finali stante illi l-appellat intavola appell quddiem il-Bord ta'l-Appelli ghal rikonsiderazzjoni. Necessarjament, allura, huwa kellu qabel xejn jistenna l-ezitu ta' dak l-appell qabel ma ikun f'posizzjoni jiddikjara jekk huwa sofriex xi danni minhabba id-decizjoni tal-Kunsill. Billi mill-atti allura jirrizulta illi l-partijiet gew notifikati bid-decizjoni tal-Bord ta'l-Appelli fis-**17 ta' Mejju 2012**, din allura hija d-data illi twieldet l-azzjoni ghad-danni fil-konfront tal-Kunsill appellat. Ghal dawn il-motivi, kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Illi fil-mertu, il-Kunsill appellanti jilmenta ukoll dwar il fatt illi t-Tribunal akkorda *arbitro boni viri* somma ta' kumpens li skond it-talba kellha tkun il-ħlas għall-qliegħ li tilef l-appellat. Huwa jgħid illi deċiżjoni bħal din twassal għal azzjonijiet kontra l-Kunsill minn min ma jirbaħx *tender*.

It-Tribunal wasal għall-ammont ta' elf Ewro wara illi għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar it-telf tal-qliegħ li sofra l-appellat minħabba l-aġir tal-Kunsill appellanti li wassal għan-nullita tat-*tender*. It-Tribunal osserva

[3] Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr. Maria Deguara nomine et. Deciza PA 30/10/2003

illi minkejja illi għad jista' jkun hemm il-possibilità illi l-appellat jagħmel ix-xogħol huwa, pero huwa issa jinsab fi żvantaġġ stante illi laħaq kixef l-offerta tiegħu mal-kompetituri li jistgħu jkunu interessati jagħmlu l-offerta. It-Tribunal ikkonsidra ukoll illi jista' jagħti l-każ illi dan it-*tender* ma jerġax joħroġ, u imbagħad wasal ghall-apprezzament *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €1,000. Dan ifisser illi sabiex wasal ghall-ammont likwidat it-Tribunal gharbel il-provi li kellu quddiemu sabiex wasal ghal ammont ewku u gust fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Din il-Qorti ta' revizjoni ma issib xejn x'ticcensura f'dan ir-rgajonament u kwindi ma tarax illi l-aggravvju ghandu jirnexxi.

Il-Kunsill appellanti isostni ukoll illi t-talba attrici hija nulla stante illi d-disposizzjoni tal-ligi li abbazi taghha giet intavolata l-azzjoni odjerna ma hijiex applikabbli f'dan il-kaz billi l-attur jindika l-artikolu 1153 tal-Kapitolu 16. Illi l-artikolu 1135 jistipula hekk:

*"Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, bmod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef."*

Minn qari akkurat allura tat-talba attrici, jirriżulta b'mod evidenti illi ir-referenza maghmula għall-artikolu 1153 kien *lapsus* da parti tal-appellat, fejn l-artikolu tal-ligi iccitat kellu jaqra 1135 u mhux 1153, kif imfisser ukoll fid-decizjoni impunjata. Kwindi dan l-aggravvju huwa fieragh u qed jigi michud.

Illi finalment l-Kunsill appellanti jilmenta illi t-Tribunal injora għal kollox l-eċċezzjoni preliminari u ċioe dik dwar in-nullita tat-talba attrici minhabba n-nuqqas ta' personalita ġuridika tal-Kunsill Lokali fejn ir-rapprezentanza

guridika hija vestita fis-sindku u s-segretarju eżekuttiv. Illi l-**<u>artikolu 27 tal-Kap 363</u>** jistipula illi:

*"Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Kunsill tkun vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv li jistgħu jħarrku u jkunu mħarrka f'isem il-Kunsill ukoll meta l-każ jirreferi għal atti magħmula qabel iż-żmien tal-kariga jew ħatra tagħhom skont il-każ."*

**"Illi, skond din il-Qorti, ghalkemm il-ligi relativa taghti r-rappresentanza legali ta' Kunsill Lokali f'idejn persuni partikolari, dana ma jfissirx li l-Kunsill, bhala entita' jew korp morali, legali, u awtonomu ma jistax jigi citat f'kawza f'ismu, u minghajr il-htiega jigifieri li jigu citati wkoll l-ismijiet tas-sindku u tas-segretarju tieghu. Ovvjament, jekk imbaghad ser jagixxi xi hadd f'isem il-Kunsill Lokali, dan ix-xi hadd ma jistax ikun il-gebel jew il-bini li fih hemm is-sede tal-Kunsill, imma jkun allura jispetta proprju lir-rappresentanti legali nominati ghal daqstant mil-ligi stess biex jidhru ghall-Kunsill Lokali.**[4]

Għaldaqstant ma għandux raġun il-Kunsill appellanti lanqas f'dina l-impunjattiva.

Fir-rigward tat-tieni osservazzjoni li jagħmel il-Kunsill appellanti fit-tielet aggravju tiegħu, u ċioe illi l-Kunsill kellu d-diskrezzjoni jagħżel mill-offerti huwa, u ma kienx marbut li jagħżel dik l-offerta li ġiet iddikjarata mill-Bord tal-Appelli bħala l-aktar waħda vantaġġjuża, jingħad illi l-Kunsill Lokali appellanti ma kellux id-dritt illi jiddispensa mill-kundizzjonijiet espressament rikjesti fil-hrug tal-Offerta, u allura certament li ma setax ibiddilhom billi dawn huma

---

[4] Waste Control Services Ltd. Vs Kunsill Lokali Mosta, QA, 19/06/2001

mandatorjament imposti ghal kull offerta li kellha tigi sottomessa u dan kif rikjest bl-osservanza tal-principju tat-trattament ugwali tal-offerenti kollha.

Konsegwenza ta' dak illi għamel il-Kunsill Lokali, u ċioe li l-kundizzjoni dwar il-produzzjoni ta' dokument *Declaration of Non Involvement* minn kull offerent giet injorata, huwa aġġudika kuntratt favur kumpanija li ma kenitx ipprovdiet tali dokument sabiex b'hekk l-offerenti ma kellhomx *"level playing field"* u allura l-konkorrenti l-ohra sofrew pregudizzju minhabba f'dan l-agir.

Il-Kunsill Lokali appellat mar kontra dak illi talab huwa stess. Apparti illi dan iwassal ghall-incertezza, jista' jwassal ukoll għall-abbużi ghaliex jitbiddlu r-regoli tal-loghba meta din tkun diġa bdiet, bi pregudizzju ghal minn ikun konformi mal-istess regoli. Illi affermat dan il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-fatti dwar l-aggudikazzjoni erronja li saret diga jifformaw il-bazi ta' gudikat li ma giex ikkontestat mill-partijiet u kwindi din il-Qorti permezz ta'l-appell odjern m'ghandhiex is-setgha li tissindika tali decizjoni.

Għaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq migjuba, l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata bl-ispejjez kontra l-Kunsill appellanti.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur